14 ta' April, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Joseph Caruana pr. et ne. *versus* Silvio Mifsud ne.

## Polza tal-Kariku — Prova

***Il-polza tal-kariku tikkostitwixxi l-kambjala tal-baħar. Magħmula regolarment, il-polza tifforma bejn il-partijiet interessati fil-kariku u l-aventi kawża tagħhom fidi sħiħa, intiera u assoluta; hija munita bi preżunzjoni "juris et de jure" tal-verità relattivament għall-kwalitajiet apparenti u esterjuri tal-merkanzija, għall-***

*piż, għan-numru, għall-miżura; u ebda prova kontra l-polza ma hija ammissibbli relattivament għal dawk l-enunċjazzjonijiet, ħlief f'każ ta' frodi jew falsità provenjenti minn xi waħda mill-partijiet interessati, u meta tkun l-effett ta' abbuż ta' fiduċja, jew effett ta' mġiebn slealí.*

*Għaldaqstant, meta ma jiġix allegat xi wieħed minn dawn id-difetti, ma humiex ammissibbli provi biex juru li fil-fatt il-merkanzija li ġiet karikata kellha piż inferjuri minn dak li jirriżulta mill-polza tal-kariku.*

Il-Qorti; Rat is-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 1954, fejn hemm riassunti t-talba tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

Rat il-verbal tat-18 ta' Marzu 1955, li minnu jirriżulta illi l-konvenut ma jikkontestax il-kwantità tal-merkanzija skarikata Genova skond id-dokument fil-fol. 7 tal-proċess, imma jikkontesta l-kwantità karikata Malta, jiġifieri irid jipprova permezz ta' testimonji li ġiet karikata kwantità anqas minn dik riżultanti mill-polizza tal-kariku;

Ikkunsidrat, fuq l-inċident, wara li semgħet lid-difensuri;

Illi, kif jirriżulta mill-polizza tal-kariku fuq riferita (fol. 8), fil-31 ta' Marzu 1953 ġew karikati fuq il-bastiment "Agata C." fil-port ta' Malta, "alla rinfusa", 104,613 kili "rottami ferro acciaio", biex jiġu konsenjati "all'ordine" f'Genova. Il-kaptan tal-bastiment, Salvatore Castagnino, meta ffirma u rrilaxxja l-polza, kiteb li kien qiegħed jafferma l-piż — "affermo il peso" (fol. 6);

*Omissis;*

Illi mid-dokument fil-fol. 7 tal-proċess jirriżulta li mill-merkanzija fuq riferita l-kaptan ikkonsenja f'Genova kili 97,050, dak li l-konvenut ma jikkontestax, u kwindi rriżulta nuqqas ta' kili 7,563;

Ikkunsidrat;

Illi, billi l-polza tal-kariku, kif jgħid Pipia (Vol. I, paġ. 701, no. 783), tikkostitwixxi l-kambjali tal-baħar, mhux possibbli li jitħalla dħul għal sorpriżi, għal kontestazzjonijiet u għal kollużjonijiet; u għaldaqstant, magħmula regolarment, il-polza tifforma, bejn il-partijiet interessati fil-

*kariku u l-aventi* kawża minnhom, ħdi sħieħa, intiera u assoluta; hija munita bi preżunzjoni " juris et de jure" tal-verità relattivament *għall-kwalitajiet* apparenti u esterjuri tal-merkanzija, **għall-piż**, għan-numru, għall-miżura; u kwindi l-ebda prova kontra l-polza ma tista' tiġi ammessa relattivament *għal dawn l-enunċjazzjonijiet* ħlief f'każ ta' frodi jew falsità provenjenti minn xi waħda mill-partijiet interessati, u meta tkun l-effett ta' abbuż ta' fiduċja jew effett ta' mġieba sleali;

Illi l-konvenut ma jallega l-ebda wieħed mill-vizzji fuq *rikordati, għaliex huwa jallega* biss li, non ostante ċ-ċertifikat tas-sorveljanza fuq imsemmi u non ostante l-polza, fil-fatt il-merkanzija **kellha piż** inferjuri, u kwindi, konformement għall-prinċipju li ġie enunċjat, il-prova ta' dina l-allegazzjoni tiegħu kontra l-polza ma tistax tiġi ammessa;

Għaldaqstant *tirrespinġi* t-talba tal-konvenut li jġib il-provi fuq riferiti; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

*Omissis;*

Għaldaqstant;

Tilqa' t-talba tal-attur, bl-interessi kif mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni, *u bl-ispejjeż kollha* tal-kawża.